MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 388/2009

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. “Illi hija izzewget lil intimat Ct B fil-11 ta' Settembru 1999 u minn dan iz-zwieg huma ghandhom tlett itfal minuri, li huma Yurgen ta' 9 snin, Nicole ta' 5 snin u Irvine ta' sena.

2. Illi l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju versu martu rikorrenti.

3. Illi l-intimat irrenda wkoll ruhu hati ta' eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid versu martu rikorrenti.

4. Illi issa z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment b'mod li l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli.

5. Illi saru zewg tentattivi biex din is-separazzjoni issir b'mod bonarju izda, l-intimat lanqas biss attenda ghall-laqghat ta' medjazzjoni li kien hemm appuntati fit-tieni medjazzjoni.

6. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet moghti nhar it-23 ta' Ottubru 2009.

7. Illi matul iz-zwieg inqalghu diversi problemi u dan minhabba l-atitudni irresponsabbli u anke vjolenti, ta' l-intimat lejn martu u wliedu minuri.

8. Illi l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali u qed tghix mal-genituri taghha flimkien ma’ zewg uliedha, Nicole u Irvine, minhabba l-atteggjament abbuziv u vjolenti ta' zewgha 1-intimat, kemm fil-konfront taghha u anke fil-konfront ta' l-istess uliedha.

9. Illi kontra ix-xewqa taghha hija giet mifruda minn binha Yurgen ta' 9 snin, illi dan mar jghix ghand in-nanna paterna tieghu u ghalhekk l-esponenti ilu ma jkollha kuntatt ma’ binha ghal dan l-ahhar sena, hlief ghal-episodju qasir ta' erbgha t'ijiem dan is-sajf, meta l-esponenti regghet ippruvat issalva dan iz-zwieg, u marret lura fid-dar matrimonjali, pero' kellha terga' tmur lura ghand il-genituri taghha flimkien ma’ uliedha Nicole u Irvine, minhabba l-atteggjament vjolenti u abbuziv ta' zewgha li qed jirrifletti ukoll fuq l-atteggjament ta' binha minuri Yurgen li f'dawn l-erbgha t'ijiem anke il-minuri Yurgen kien vjolenti u abbuziv ma’ ommu l-esponenti.

10. Illi l-esponenti m'ghandha l-ebda kuntatt ma’ binha Yurgen minhabba l-atteggjament abbuziv u vjolenti kemm ta' l-intimat kif ukoll ta' omm l-intimat, in konfront ta' l-esponenti u anke tal-genituri ta' l-esponenti.

11. Illi matul iz-zmien saru numru ta' rapporti kontra l-intimat, u dan wara li l-intimat agixxa b'mod vjolenti fil-konfront ta' l-esponenti u l-genituri taghha, fejn l-istess esponenti giet iccertifikata minn Dr Dorothy Zammit fis-17 ta' Ottubru 2008.

12. Illi l-esponenti jidrilha li l-arrangament ezistenti ta' akkomodazzjoni u trobbija fil-konfront ta' binha Jurgen mhuwiex fl-ahjar interess ta' binha li qed jigi espost ghal attitudni xejn ezemplari mill-intimat, u anke mill-familjari ta' 1-intimat.

13. Illi wkoll l-esponenti jidrilha illi l-minuri qed jigi influwenzat hazin mill-intimat u l-familjari tieghu, fil-konfront t'ommu l-esponenti anke fid-dawl ta' l-agir taghhom fil-konfront taghha, tant illi, l-minuri qed juri ix-xewqa li jabitha man-nanna paterna tieghu.

14. Illi ir-rikorrenti baghtiet anke fir-rigward ta' sahha, bl-agir irresponsabbli u vjolenti ta' l-intimat hekk kif ser jirrizulta mill-provi.

15. Illi l-intimat matul iz-zwieg tilef l-impjieg tieghu diversi drabi minhabba l-attitudni irresponsabbli tieghu u ftit li xejn ikkontribwixxa lejn ir-responsabbiltajiet tieghu finanzjarji tal-familja.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B, ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

3. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li l-intimat jitlef kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti li gew imhallsa mill-genituri tar-rikorrenti.

4. Tapplika kontra l-intimat l-effetti ta' l-Artikolu 48 et seq, tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tordna illi il-kura u l-kustodja tal-minuri Nicole u Irvine B tigi affidata esklussivament lil omm il-minuri A B, filwaqt li l-kura u kustodja ta' Yurgen B ghandha tigi determinata minn din l-Onorabbli Qorti fl-ahjar interess tal-minuri.

6. Tordna illi l-access ghat-tfal minuri Nicole u Irvine B minn missierhom Ct B ghandu jibda jsir taht supervizjoni minn Social Worker ta' l-Agenzija Appogg.

7. Tordna illi l-access ghat-tifel minuri Yurgen minn ommu A B ghandu jkun liberu.

8. Tordna li l-intimat Ct B ihallas, manteniment ghal martu u ghat-tlett uliedu minuri.

9. Tordna lil intimat, ihallas lir-rikkorenti nofs l-ammont ta' spejjez li saru fir-rigward tal-minuri Nicole u Irvine, minn l-ewwel ta' Ottubru 2008 sad-data li din l-Onorabbli Qorti taghti sentenza fir-rigward din is-separazzjoni.

10. Tordna li jinhatar Avukat tat-Tfal, u Social Worker biex jigi esplorat l-ahjar interess tal-minuri Yurgen B.

11. Tordna li ir-rikorrenti tirreverti ghal kunjhom xbubitha u cioe' Mallia.

12. Tawtorizza lir-rikorrenti tipproduci lill-persuni li huma marbuta bis-sigriet professjonali, hawn taht elenkati bhala xhieda, sabiex jigu ezenti mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistghu jixdu fil-kawza odjerna u dan taht kull provvediment li din 1-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, millum ingunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilu stante li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tfarrak peress li r-rikorrenti rrendiet ruhha hatja kontra l-intimat zewgha ta' adulterju, abbandun tad-dar konjugali, sevizzi, eccessi, theddid u ingurji gravi kontrih kif ser jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi b' referenza ghat-tieni talba l-esponenti jaqbel li tigi dikjarata xolta 1-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet;

3. Illi b' referenza ghat-tielet talba l-esponenti jaqbel li l-kommunjoni tal-akkwisti tigi likwidata f' zewgt partijiet izda ma jaqbilx li huwa ghandu jigi assenjat parti anqas mir-rikorrenti anzi hija r-rikorrenti li ghandha tigi assenjata porzjon anqas tenut kont li kienet hi li kawzat il-ksur taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti. Illi b' referenza ghat-talba tar-rikorrenti li l-

intimat 'jitlef kull jedd li ghandu ghal nofs l-akkwisti li gew imhallsa mill-genituri tar-rikorrenti' l-esponenti jirrispondi li tali talba hija nulla u ukoll li minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ghandha tiddikjara ghal xiex qed tirreferi;

4. Illi l-esponenti jopponi ghar-raba' talba stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi b' referenza ghal hames talba l-esponenti qed jopponi li l-mara tigi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-rninuri Nicole u Irvine B. Illi f'dak li jirrigwarda l-minuri Yurgen B li ghandu ghaxar snin dan gie abbandunat mill-mara meta kien ghad ghandu circa sena u nofs u trabba minn nanna parterna. Illi 1-esponent jissottometti li ma huwiex fl-ahjar interess tal-minuri li din l-istat ta' fatt jitbiddel. Illi fic-cirkostanzi l-esponenti jitlob li jkun affidat il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Yurgen;

6. Illi l-esponenti jopponi li l-access tieghu ghal minuri Nicole u Irvine ikun taht supervizzjoni stante li ma jezistux l-estremi sabiex l-access ghal uliedu ma jkunx wiehed liberu;

7. Illi b' referenza ghas-seba' talba l-esponent ma huwiex ta' l-opinjoni li huwa fl-ahjar interess tal-minuri Yurgen li l-omm jkollha access liberu ghalih imma 1-access ghandu jkun regolat minn hinijiet specifikati minn dina l-Onorabbli Qorti;

8. Illi b' referenza ghat-tmien talba l-esponenti qed jopponi li jigi ikundannat ihallas manteniment ghal mara u dan stante li hija hatja tal-ksur taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti kif ukoll kapaci tahdem kif gieli ghamlet. Illi fir-rigward ghal manteniment tat-tlett ulied l-esponenti jiddikjara li fir-rigward ta' Yurgen huwa dispost li jkompli jhallas ghal ghexien tieghu kif ghamel f dawn is-snin kollha, il-mara ghandha tikkontribwixxi ghal manteniment ta' dan l-istess minuri. Fir-rigward tal-minuri Nicole u Irvine, l-esponenti jissottometti li minhabba li jinstab minghajr impjieg l-manteniment li jista' joffri fil-prezent huwa wiehed de minimis;

9. Illi l-esponenti qed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti li jhallas ghal nofs l-ispejjez li saru fir-rigward tal-minuri imsemmija. Illi l-esponent qatt ma inghata informazzjoni ta' xi spejjez qed tinkorri ghal minuri u ma huwiex gust li tali talba issir b' effett retoattiv;

10. Illi l-esponenti ma jopponiex ghal hatra ta' avukat tat-tfal u social worker sabiex jirrelataw fuq l-ahjar interess tal-minuri b' dan pero' li dan ghandu jsir fir-rigward tal-minuri kollha tal-kontendenti u mhux limitatament ghal minuri Yurgen;

11. Illi l-esponenti ma ghandux oggezzjoni li l-mara tirreverti ghal kunjom ta' xbubitha;

12. Illi fir-rigward tat-tnax it-talba l-esponenti jissottometti li din hija nulla f' kuntest ta' rikors guramentat ghal separazzjoni personali;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Fil-kors ta’ din il-kawza l-Qorti innominat bhala esperta gudizzjarja lill-haddiema socjali Denise Portelli sabiex tipprepara rapport socjali dwar is-sitwazzjoni tal-minuri u taghmel l-osservazzjonijiet taghha fir-rigward. Aktar tard il-Qorti talbet li l-kaz jigi nvestigat mis-Servizz ghall-Harsien tat-tfal wara li l-konvenut ipprezenta rikors jallega li l-attrici kienet vjolenti mal-minuri. Il-haddiema socjali Martina Testa pprezentat rapport li jinsab ezebiet a fol. 72 tal-process. Martina Testa taghmel is-segwenti osservazzjonijiet, konkluzzjonijiet u rakkomandazzjonijet:-

*“Skond l-informazzjoni li ngabret mill-investigazzjonijiet li saru min-naha tas-Servizz ghall-Harsien tat-tfal, jidher li l-minuri Jurgen, Nicole u Irvine qieghdin jghixu f'ambjent san mas-Sinjur B. Is-Sinjur B u anke s-Sinjura Gauci ghandhorn relazzjoni tajba hafna mal-minuri u jaghmlu minn kollox biex jilhqu l-bzonnijiet bazici tal-minuri.*

*Minn osservazzjonijiet li saru waqt vizti mas-Sinjur B, jidher illi s-Sinjur B qieghed jinstiga b'mod volontarju jew involontarju lil minuri Jurgen kontra s-Sinjura B. Dan jidher fil-rnod ta' kif is-Sinjur B beda jitkellem b'mod negativ fuq l-omm quddiem il-minuri kollha. Il-minuri*

*Jurgen spjega ghaliex ma jridx jiltaqa' ma' ommu b'kliem li mhux necessarjarnent jirrifletti kemm l-eta' tieghu kif ukoll informazzjoni jew hsieb li akkwista wahdu. Ghalkemm il-minuri Jurgen qal li s-Sinjura B kienet refghet idha fuqu u fuq il-minuri Nicole, huwa sostna li hu ma kienx prezenti jew li ma jiftakarx b'dawn l-incidenti izda li kien missieru li qallu x'kienet gharnlet ommu. Jidher li l-mod kif is-Sinjur B qieghed jitkellem dwar is-Sinjura B meta l-minuri ikunu mieghu qieghda tinfluwenza l-minuri Jurgen sabiex jirrifjuta li jaghmel kuntatt ma' ommu.*

*Waqt l-investigazzjonijiet tas-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal fuq l-allegat abbuz fiziku fuq il-minuri mill-omm, il-haddiema socjali tkellmu mal-minuri Nicole li qalet illi ommha qatt ma sawtitha u li l-grif li kellha kien gharnilulha l-minuri Irvine. Meta s-Sinjura B giet konfrontata rigward l-incident tal-11 ta' Lulju 2011 hi qalet li ma tafx kif l-minuri Nicole telghet mill-bahar bit-tbengil u sostniet illi hi qatt ma refghet idha fuq il-minuri. Mill-banda l-ohra s-Sinjur B insista illi s-Sinjura B kienet benglet il-minuri Nicole u ghalhekk ipproduca certifikat mediku rninghand tabib fil-polyclinic ta' Rahal Gdid. Filwaqt li ma jistax jigi eskluz b'certezza li kien hemm xi abbuz fuq il-minuri kif gie allegat, il-minuri Nicole ma uriet l-ebda biza' lejn is-Sinjura B, innegat li s-Sinjura B qatt refghet idha fuqa u sostniet li tixtieq tghix mas-Sinjura B.*

*Fil-vizta gewwa r-residenza tas-Sinjura B, kien evidenti li s-Sinjura B ma tghix fid-dar li indikat bhala r-residenza taghha. Dan ghaliex kien hemm riha ta' gheluq, kien hemm hafna boroz mimlijien hwejjeg u oggetti u sahansitra anke basktijiet fuq il-bank tal-kcina u l-minuri Nicole qalet illi fil-kaxxa ta' l-ittri kienu jircievu ittri tan-nanniet materni u mhux ta' l-omm. Is-Sinjur B ghamel kuntatt mal-haddiema socjali u nfurrnhom illi l-minuri Nicole bezghet tghid lil haddiema socjali li hurna jorqdu ghand is-sieheb tas-Sinjura B u mhux fir-residenza gewwa Marsaskala. Il-missier sostna li l-minuri bezghet li jekk tghid il-verita' kienet se tigi kkastigata fizikament mill-omm.*

*Li in vista ta' dak li rrizulta waqt din l-investigazzjoni, il-haddiema socjali hurna tal-opinjoni li 1-kaz jimmerita li l-minuri jibqghu jigu segwiti mis-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal sabiex jigi assigurat il-harsien tal-minuri kkoncernati.”*

Fl-udjenza tas-17 ta’ April 2012 il-partijiet iddikjaraw illi l-unici vertenzi li baqa’ bejn il-partijiet kienu “l-access/kura u kustodja” u “l-manteniment/children’s allowance”.

B’digriet moghti fl-udjenza tat-12 ta’ Gunju 2012 il-Qorti ordnat li gialadarba t-tliet minuri kienu qed jirrisjedu mal-missier, ic-children’s allowance taghhom kellha *pendente lite* tithallas lill-missier.

Fl-affidavit taghha mahluf fl-14 ta' Gunju 2013 l-attrici xehedet dwar ir-ragunijiet li wasluwha sabiex titlaq mid-dar matrimonjali. Tghid li l-konvenut beda jkun vjolenti maghha appena tmien xhur wara z-zwieg. Meta l-ewwel wild kellu sena u erba' xhur hija kienet kostretta titlaq mid-dar minhabba swat u marret ghal xahrejn f'*shelter*. Tghid li ghalkemm izzewgu l-konvenut baqa' jghix hajja ta' guvni johrog ma' shabu f'Paceville u jirritorna xurban.

Kien ihalliha nieqsa mill-flus ghalkemm kien jahdem.

Fl-ahhar telqet definittivament mid-dar matrimonjali peress li ma setghatx tissaporti aktar il-vjolenza ta' zewgha.

Fix-xhieda taghha tiddikjara li t-tlett itfal, li llum ghandhom 15, 12 u 5 snin rispettivament, ilhom zmien jghixu ma' missierhom. Tghid hekk:

***"Jien nixtieq illi jkolli kuntatt sew maghhom pero' m'ghandix oggezzjoni li dawn jitrabbew minnu".*** [1]

Xehdet illi ghandha tifla minn haddiehor, li llum ghandha circa erba' snin. Ma tahdimx sabiex trabbiha. Tghix bl-assistenza socjali fl-ammont ta' circa €400 fix-xahar.

Tghid li flus il-bank m'ghandhomx.

Id-dar matrimonjali inbieghet fil-mori tal-kawza u r-rikavat inqasam. Inbieghet ghal valur ta' €93,175.00 li minnhom €67,706.96 thallsu lill-Bank of Valletta plc a saldu tad-dejn gravanti d-dar u l-bilanc inqasam bejn il-partijiet u cioe' €12,734 kull wiehed u wahda.

[1] Fol. 130

Jirrizulta wkoll illi fil-mori tal-kawza l-attrici thallset il-kreditu parafernali taghha kontra l-komunjoni.

Fl-affidavit tieghu[2] il-konvenut jghid li fil-hajja mizzewga ghamlu biss sentejn sewwa. Jghid li l-ewwel sena qattawha ghand ommu u t-tieni sena qattawhom ghand iz-zija tal-attrici. Facendi l-konvenuta ma kienet taghmel xejn.

Jghid li l-attrici dejjem kellha problemi mat-tifel il-kbir Jurgen li ghamel hafna snin jitrabba min-nanna paterna.

Xehed illi meta t-tfal kienu mal-attrici kienet issawwathom u kienet titraskurhom. Jilmenta illi hafna drabi kienet titmaghhom ikel ‘take away’ hekk imsejjah ‘junk food”.

It-tlett itfal ilhom jghixu mal-konvenut ghal dawn l-ahhar erba’ snin u nofs circa. Jilmenta illi l-attrici qatghet kull kuntatt mat-tfal u ma thallasx manteniment.

Jghid illi m’ghandux oggezzjoni li l-omm izzomm kuntatt mat-tfal li idealment ikun fi tmiem il-gimgha.

Dwar il-karozza Mercedes jghid illi din ghandha dejn fuqha ta’ sebat elef u sitt mitt ewro (€7,600) u sar mandat fuqha minn min kien bieghielu.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Responsabbilta’ ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

---
[2] Fol. 161

Fir-rigward tal-htija ghat-tkissir taz-zwieg l-attrici ssostni li ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut minhabba li kien vjolenti maghha. Il-konvenut isostni illi tahti unikament il-konvenuta minhabba li kkommettiet adulterju.

Jirrizulta illi wara li l-partijiet ma baqgghux jghixu flimkien l-attrici bdiet relazzjoni ma’ terza persuna u minnu ghandha tarbija li llum ghandha circa tlett snin. L-adulterju da parti tal-attrici gie sodisfacentement ippruvat. Ghalkemm l-attrici fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha tghid li provi ma ngabux fir-rigward, l-ammissjoni da parti tal-attrici illi ifformat familja ma’ terza persuna li minnu ghandha tarbija hija bizzejjed sabiex tipprova l-adulterju.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut kien vjolenti maghha, il-Qorti ezaminat il-provi mressqa u fuq bazi ta’ probabilita’ tasal ghall-konkluzzjoni illi l-agir vjolenti da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici sehh u li ma kienux xi incidenti izolati. Ghalhekk tikkonkludi illi l-allontanament tal-attrici mid-dar matrimonjali ma jikkostitwixxiex abbandun ghaliex kien gustifikat. Il-Qorti qed issib lill-konvenut hati ta’ agir vjolenti fil-konfront tal-attrici li kkontribwixxa ghat-tkissir taz-zwieg.

Tikkonkludi ghalhekk illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu z-zewg partijiet.

**Kura u Kustodja**.

Kif sewwa osservat l-attrici fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, huwa minnu li l-haddiema socjali Denise Portelli rrakkomandat fir-rapport taghha (fol. 51-52) illi l-kura u kustodja tat-tlett minuri tkun kongunta. Kif tajjeb ukoll osservat fl-istess nota, fid-decizzjoni taghha dwar kura u kustodja l-Qorti ghandha tkun iggwidata minn dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri.

Il-Qorti pero’ tosserva illi t-tlett itfal minuri ilhom is-snin jirrisjedu mal-missier u ilhom is-snin ma jaraw lill-ommhom. Bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux ic-cirkostanzi idonei ghall-kura u kustodja kongunta.

In tema legali issir referenza ghas-sentenzza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Cauci** fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja m'ghaniex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkuns sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri. Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:-

"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux *vice versa*. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli. ….din il-Qorti lanqas ma trid li l-access jigi pprattikat bl-iskossi. It-tfal ghandhom dritt ghall-istabbilita` f'hajjithom u fil-programm ta' kuljum u ta' kull gimgha. Il-Qorti, ghalhekk, tara li jkun aktar desiderabbli li l-granet ta' l-access ghall-missier jonqsu fil-waqt li jizdied il-hin ta' kuntatt."

Fis-sentenza **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud** moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti emfasizzat li fejn jidhlu il-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet **Mario Darmanin vs Annalise Cassar**,

" ……..meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju Magro v. Bonnett 11 ta' Dicembru 2003 u Portelli v. Portelli, 25 ta' Gunju 2003 – Prim' Awla).

Dwar jekk kura u kustodja kongunta f'kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma' sensiela ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe` kif qalet din il-Qorti illi: "Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja u kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta l-genituri ma jiftehmux bejniethom." (**Miriam Cauchi v. Francis Cauchi –** Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008). Li wiehed jghid li f'din il-kawza l-partijiet

mhux jiftehemu huwa “understatement”. Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti f’dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista’ jigri fil-hajja ta’ kull bniedem ikun hemm bzonn ta’ decizjonijiet mghaggla u urgenti f’dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.”.

Applikati dawn il-principji legali ghall-kawza odjerna, din il-Qorti hija konvinta illi ma jkunx fl-interess tal-minuri li takkorda kura u kustodja kongunta. Tenut kont li t-tlett minuri jirrisjedu mal-missier u ilhom ma jkollhom kuntatt ma’ ommhom is-snin, huwa indikat illi fl-ahjar interess tal-minuri l-kura u kustodja tat-tlett minuri tkun f’idejn il-konvenut Ct B esklussivament.

**Access**.

Il-Qorti hi konvinta illi jkun ta’ beneficcju kbir ghat-tlett minuri jekk jerga jigi stabbilit kuntatt san u kontinwu bejn l-attrici u t-tlett uliedha minuri. Fil-fatt mix-xiehda taghha moghtija lejn l-ahhar tal-kawza l-attrici stess tghid li fic-cirkostanzi prezenti qed titlob li tinghata access adegwat u mhux il-kura u kustodja.

Il-konvenut ukoll jiddikjara illi m’ghandux oggezzjoni li l-omm ikollha access ghall-minuri.

Din il-Qorti qeghda ghalhekk takkorda access ghall-omm izda peress li dan ilu s-snin ma jigi ezercitat qed tordna li ghall-ewwel tlett xhur ghandu jkun *monitored* mill-Agenzija Appogg u jigi ezercitat b’mod alternat gimgha s-Sibt u gimgha l-Hadd bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m.

**Manteniment**.

In vista tal-fatt li l-attrici ma tahdimx u tenut kont ukoll illi tghix bl-ghajnuna socjali u qed trabbi tifla minn relazzjoni ohra, il-Qorti fic-cirkostanzi ser tordna li sakemm l-attrici ma tkunx qed tahdem hija thallas somma nominali bhala manteniment ghat-tlett itfal fis-somma ta’ ghoxrien ewro (€20) fil-gimgha b’effett millum liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-beneficcji lilha pagabbli u mhallsa direttament lill- Ct B.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

In vista tal-fatt li hemm qbil li l-ebda assi ma baqa' x'jigu divizi il-Qorti qed tittermina l-komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li tinsab likwidata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut bil-mod kif qed jigu decizi it-talbiet attrici:-

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu iz-zewg partijiet.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti. Tiddikjara illi ma hemmx assi x'jigu likwidati u divizi bejn il-partijiet.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tordna li l-kura u kustodja tat-tlett minuri Yurgen, Nicole u Irvine B tkun esklussivament f'idejn missierhom C B b'access favur l-omm bil-modalita' stabbilita supra.

5. Tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut b'effett millu manteniment ghat-tlett minuri kif stabbilit supra.

6. Tichad it-talba tal-attrici ghal hlas ta’ spejjez tal-minuri allegatament maghmula mill-1 ta’ Ottubru 2008 sew ghaliex mhux sodisfacentement ippruvati kif ukoll ghaliex il-konvenut ilu s-snin irabbi t-tlett minuri u l-attrici ma kkontribwit xejn.

7. Tawtorizza lill-attrici tirriverti lura ghal kunjom xbubitha Mallia.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------